



Dikjarazzjoni

"Id-dibattitu dwar il-futur tal-politika ta' koeżjoni jibda issa!"

Sejħa konġunta mill-#CohesionAlliance

It-tisħiħ **tal-koeżjoni bħala valur ġenerali tal-Unjoni Ewropea** huwa aktar urġenti minn qatt qabel. Kriżijiet reċenti, bħall-konsegwenzi tal-emerġenza klimatika li għaddeġja bħalissa, il-pandemija tal-COVID-19, il-gwerra fl-Ukraina, u r-rati rekord attwali tal-inflazzjoni kkawżati minn żieda fil-prezzijiet tal-ikel u tal-enerġija ifakkruna li neħtieġu aktar koeżjoni.

L-imsieħba tal-Alleanza għall-Koeżjoni jimpenjaw ruħhom li jaħdmu flimkien biex jiżviluppaw proposti konġunti biex isaħħu l-politika ta' koeżjoni u jadattawha għall-isfidi tal-perjodu ta' wara l-2027. Huma jikkondividu fehim komuni tal-prinċipji ewlenin li jirfdu l-politika ta' koeżjoni, inkluż li:

- **Il-politika ta' koeżjoni hija l-aktar politika ta' investiment importanti tal-UE**, li tkopri r-reġjuni, il-bliet u l-muniċipalitajiet kollha
- **Il-politika ta' koeżjoni hija l-aktar strument viżibbli tal-UE fil-livell lokali u reġjonali**, li juri l-appoġġ tal-UE għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali
- **Il-politika ta' koeżjoni hija politika ta' żvilupp fit-tul** li tippromovi tranżizzjoni ġusta, ekoloġika u diġitali u tkabbir inklużiv
- **Il-politika ta' koeżjoni hija bbażata fuq prinċipji ta' ġestjoni kondiviża, sħubija u governanza f'diversi livelli** mar-reġjuni u l-bliet, kif ukoll ta' addizzjonalità
- **Il-politika ta' koeżjoni ssegwi approċċ ibbażat fuq il-post** u tindirizza d-diversità territorjali fi ħdan l-Unjoni Ewropea; din tagħti attenzjoni partikolari lir-reġjuni bi żvantaġġi naturali u demografiċi speċifiċi
- **Il-politika ta' koeżjoni tappoġġja l-kooperazzjoni territorjali u tippromovi s-solidarjetà u l-integrazzjoni** fir-reġjuni u l-bliet Ewropej, u lil hinn minnhom, b'mod partikolari fiż-żoni transfruntiera

Ejjew infakkru lil dawk kollha li jieħdu d-deċiżjonijiet fil-livell tal-UE u dak nazzjonali fir-rwol indispensabbli li għandha l-politika ta' koeżjoni fil-proċess ta' integrazzjoni Ewropea! L-Alleanza għall-Koeżjoni se tindirizza wkoll aspetti tal-politika ta' koeżjoni, inkluż li:

- **Tingħeleb il-frammentazzjoni tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni**, billi ssir ħidma lejn qafas komuni u sinerġiji ta' fondi aktar b'saħħithom taħt ġestjoni kondiviża
- **It-titjib tat-twettiq effettiv tal-politika ta' koeżjoni**, billi jiġi żgurat li l-politiki rilevanti kollha tal-UE jikkontribwixxu għall-kisba tal-oġġettivi u l-prinċipji ta' koeżjoni billi jintegraw il-prinċipju "la tagħmilx ħsara lill-koeżjoni" fil-leġiżlazzjoni tal-UE biex jiġi żgurat li l-koeżjoni tibqa' oġġettiv ġenerali, u li jsir użu sħiħ mill-miżuri ta' flessibbiltà introdotti reċentement fi ħdan il-politika ta' koeżjoni
- **Implimentazzjoni effiċjenti tal-politika ta' koeżjoni 2021-2027**, b'mod partikolari billi jissaħħaħ l-appoġġ Ewropew u nazzjonali għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-awtoritajiet reġjonali u lokali

- **Semplifikazzjoni ulterjuri tal-politika ta' koeżjoni** biex titnaqqas il-kumplessità tar-regoli ta' ġestjoni, awditjar u kontroll għall-awtoritajiet ta' ġestjoni u l-benefiċjarji
- **Jiġi żgurat allinjament aħjar** bejn il-politika ta' koeżjoni u l-governanza ekonomika Ewropea abbażi ta' approċċ kostruttiv aktar milli punittiv
- **It-titjib tal-orjentazzjoni lejn ir-riżultati tal-politika ta' koeżjoni** u l-esplorazzjoni fil-futur ta' użu aktar estiż tal-finanzjament tal-ibbaġitjar abbażi tal-prestazzjoni
- **Komunikazzjoni aħjar tal-impatt u s-suċċess tal-politika ta' koeżjoni** fil-livell lokali u reġjonali
- **Allinjament aktar b'saħħtu tal-futur tal-politika ta' koeżjoni max-xejriet attwali u futuri fir-reġjuni u l-bliet** f'termini ta' ppjanar spazjali u inkluża l-ħtieġa ta' prospettiva strateġika
- **It-tisħiħ tar-rwol ċentrali tal-politika ta' koeżjoni fi ħdan strateġija ġenerali fit-tul għall-UE**

Il-Komunitajiet lokali, il-bliet, il-muniċipalitajiet u r-reġjuni, l-imsieħba soċjali u partijiet ikkonċernati oħrajn huma mistiedna jingħaqdu mal-#*CohesionAlliance*. L-imsieħba tal-*Alleanza għall-Koeżjoni* se jaħdmu flimkien lejn politika ta' koeżjoni aktar b'saħħitha issa u fil-futur.